229/2

Fit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
06 SEP 202[illegible]
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Edgaras Piesis (K.I. 0639816L)**

**Vs**

**L-Awtorita tal-Ambjent u r-Rizorsi**

**Re: ERA Ref No: SO0893**

**Rikors tal-Appell ta' Edgaras Piesis detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru 0639816L**

Jesponi bir-rispett:

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni ta' l-Awtorita' appellata tat-12 ta' Awwissu 2022 notifikata lill-appellant nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awwissu tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022), fejn l-istess Awtorita' imponiet multa amministrattiva ta' elf Ewro (€1,000) fil-konfront tal-appellant ghall-allegati vjolazzjonijiet kommessi mill-appellant rigwardanti:

*Depozitu ta' materjal tal-bini, terrapien, gebel, jew materjal skavat, fi kwalunkwe kwantita', inkluz xkora, borza, kaxxa jew recipjent bil-madum, pajpijiet mhux uzati, cangaturi u kull materjal iehor li jikser ir-Regolament 4A ta' LS549.40 – L-Abandonment, Rimi u Regolamenti dwar Rimi ta' Skart fi Toroq u Postijiet jew Zoni Pubblici.*

2. Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

   a. Illi nhar il-31 ta' Mejju 2022, l-appellant kien jinsab ġewwa appartament f'Sqaq l-Ibgħal, Birkirkara, fejn huwa kien qiegħed jikkonkludi x-xogħolijiet minnu mwettqa fl-appartament relattiv.

   b. Illi f'daqqa waħda nstema ħoss relattivament kbir stante l-fatt li waqa xi materjal mill-viċinanzi li fih kien jinsab il-materjal.

   c. Illi terza persuna li kien jinsab fil-viċinanzi mingħajr ebda bażi fuq xiex jista jistrieħ ikkonkluda li l-materjal li waqa kien mitfugħ b'mod premeditat da parti tal-appellant, anke jekk dan tal-aħħar kien totalment inkonsapevoli ta' x'kien qiegħed jiġri fil-madwar.

d. Illi nhar is-16 ta' Ġunju 2022, l-appellant irċieva Avviż rigwardanti Penali Amministrattiva maħruġa da parti tal-Awtorita appellata relatat mal-każ bin-numru CRM00371/22.

e. Illi nhar il-21 ta' Ġunju 2022, l-appellant ipproċeda billi jintavola petizzjoni indirizzata lill-Awtorita appellanta tramite posta elettronika, hawn annessa u mmarkata **Dok A**, fejn huwa spjega ben ċar iċ-ċirkostanzi tal-każ sabiex b'hekk kwalsiasi nuqqas ta' kjarezza jkun jista jiġi indirizzat.

f. Illi nonostante tali petizzjoni, nhar l-10 ta' Awwissu 2022, l-Awtorita appellata ddeċidiet li ma tilqax il-petizzjoni tal-appellant u għaddiet għall-ħruġ ta' penali amministrattiva b'mod effettiv, **Dok B**.

g. Illi nhar it-22 ta' Awwissu 2022, l-appellant ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-Awtorita appellata datata 12 ta' Awwissu 2022, hawn annessa u mmarkata **Dok Ċ**, fejn huwa ġie imponut lilu piena amministrattiva.

Illi l-appellant ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Awtorita appellata u b'hekk qiegħed jinterponi dan l-umli appell.

1. **Illi l-aggravju tal-appellant huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti.**

Illi l-Awtorita appellata qatt ma setgħet raġonevolment tasal għad-deċiżjoni aħħarija tagħha u cioe li timponi penali amministrattiva fuq l-appellant u dan stante l-fatt li ma hemm l-ebda forma ta' prova li torbot lill-istess appellant mal-materjal li effettivament ġie misjub fi Sqaq l-Ibgħal, Birkirkara.

Illi l-appellant dakinhar li seħħ l-allegat inċident kien jinsab ġewwa l-apparatament tal-klijent tiegħu, ossia Roger Zammit, fejn huwa kien qiegħed jiġbor l-għodda relatati max-xogħolijiet minnu mwettqa kif ukoll kines il-fond sabiex is-sid ikun jista jinnizja xogħolijiet ulterjuri ġewwa tali appartament.

Illi l-appellant ma kellu ebda skart ta' kostruzzjoni li kellu jiddisponi minnu u in fatti meta huwa u l-kollega tiegħu semghu il-famuż ħoss li kien ġej mit-triq ta' barra, huma ma tawx każ u baqgħu għaddejjin bil-ġurnata tagħhom. Kien biss wara li semghu għajjat ta' terza persuna ġej minn barra illi huma pproċedew billi jittawlu għal barra sabiex jaraw x'ġara. L-appellant u l-kollega tiegħu in fatti baqgħu perplessi kif dan it-terza persuna beda għal xi raġuni jallega li kienu huma li tefghu il-materjal fit-triq, meta huma qas biss kellhom idea ta' x'kien dan l-istess materjal.

Illi in fatti l-appellant mingħajr ebda dewmien niżel ħdejn it-terza persuna sabiex jiċċara l-posizzjoni tiegħu u jindika lil dan tal-aħħar kif huwa ma kellux x'jaqsam mal-materjal misjub fl-Isqaq mertu tal-proċeduri odjerni.

Illi sfortunatament, anke wara l-ispjegazzjoni tal-appellant, tali persuna baqa' jippersisti u jgħid li kien l-appellant li kien responsabbli għal dak il-materjal u in fatti huwa pprosegwa billi ċempel lill-pulizija sabiex jirraporta l-allegazzjonijiet infondati minnu magħmula.

Illi mal-wasla tal-pulizija fuq il-post, l-appellant saħansitra daħħal lill-pulizija kif ukoll lil dan il-persuna ġewwa l-fond relattiv sabiex huwa jdawwarhom u jurihom kif huwa kien in fatti kkonkluda x-xogħolijiet minnu mwettqa u b'hekk ma kien hemm ebda skart li kien għad fadallu jiddisponi minnu. Is-sitwazzjoni kienet kollha waħda ta' natura ipotetika kkreata minn persuna li ddeċieda jikkonkludi li kien l-appellant li kien responsabbli tal-materjal relattiv sempliċiment għax ra tali materjal ġej mid-direzzjoni ta' tali appellant.

Illi bir-rispett kollu tali allegazzjonijiet ma jistgħu jiġu mogħtija ebda piż jew valur probatorju, anke fil-kamp amminstrattiv. Dan jingħad stante l-fatt li jkun bil-wisq perikoluż jekk niġu fi stat li persuna jkollu jħallas somma eżorbitanti bħal ma hija l-penali erogata fir-rigward tal-appellant, meta tali konklużjoni hija merament imsejsa fuq allegazzjonijiet ipotetiċi magħmula minn terza persuna li qas biss ra min in fatti kien il-persuna li ddispona mill-materjal mertu tal-proċeduri odjerni.

Illi l-appellant ma nqabadx in flagrante, jiddisponi minn ebda materjal, u qas biss kien jidher imkien fil-ħin li ġie kommess l-allegat inċident. Huwa ttawwal il-barra biss meta sema' għajjat ġej minn barra u dan sabiex jara jekk inqalax xi ħaġa. Huwa qatt ma setgħa jobsor

x'kien ser isib ma wiċċu u cioe terza persuna li mix-xejn iddeċidiet li b'mod irresponsabbli takkuża lil tali appellant bi ksur tal-Artikoliu 4A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.40.

Illi l-appellant fermament itenni li dawn l-allegazzjonijiet huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-proċeduri odjerni.

Ghaldaqstant in vista tal-premess, l-appellant umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:

i. Jannulla, jirrevoka u jhassar id-decizjoni tal-Awtorita' appellata fil-konfront tal-appellant tat-12 ta' Awwissu 2022 fejn l-Awtorita' imponiet multa amministrattiva ta' elf Ewro (€1,000) fil-konfront tal-appellant;

U dan taht kull provvediment iehor li dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq u opportun.

**Av Franco Galea**
**58, Triq l-Ifran, Valletta**

**Av Roberto Spiteri**
**58, Triq l-Ifran, Valletta**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**

**Edgaras Piesis (K.I. 0639816L)**

**Vs**

**L-Awtorita tal-Ambjent u r-Rizorsi**

**Re: ERA Ref No: SO0893**

**Lista ta' Xhieda ta' Edgaras Piesis detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru 0639816L**

- Rappreżentanti preżenti u passati tal-appellant
- Rappreżentanti preżenti u passati tal-Awtorita appellata
- Roger Zammit, Uffiċjali u rappreżentanti tal-Awtorita tal-Ippjanar, Uffiċjali u rappreżentanti preżenti u passati tal-Awtorita tal-Ambjent u r-Riżorsi, Rappreżentant tal-Korp tal-pulizija, Residenti fil-viċin, Rappreżentant tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara, Sidien ta' propjetajiet fil-viċin, ikoll dwar il-fatti.


**Av Franco Galea**
**58, Triq l-Ifran, Valletta**

**Av Roberto Spiteri**
**58, Triq l-Ifran, Valletta**